**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 11**

**It-Tnejn, 22 ta' Mejju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.43 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela*, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor Adrian Delia u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Clayton Bartolo.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa 10, li saret it-Tnejn, 15 ta' Mejju 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR ROBERTO BUONTEMPO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-UNGERIJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, li fiha kien hemm 12-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa Nru 8 li saret fit-2 ta' Mejju 2023, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina tas-Sur Roberto Buontempo għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ungerija.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Roberto Buontempo sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Buontempo kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Roberto Buontempo daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Roberto Buontempo li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Buontempo ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala Direttur tal-Uffiċċju tal-Proprjetà tal-Knisja f'Malta. Matul il-karriera tiegħu kellu esperjenza mhux diretta ma' xogħol tal-Gvern u għamel xi żmien kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. F'Jannar 2019 l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Charles J. Scicluna, ħatar lis-Sur Buontempo bħala Kap tal-Proprjetà tal-Arċidjoċesi ta' Malta u membru fil-Kumitat tal-Finanzi Djoċesan. Huwa wkoll is-segretarju tal-Fondazzjoni għall-Patrimonju tal-Knisja tal-Arċidjoċesi, membru tal-Bord tal-Amministraturi tal-Fondazzjoni Affordable Housing u huwa r-rappreżentant tas-Santa Sede fil-Kumitat ta' Kontroll tal-Uffiċċju Konġunt bejn il-Gvern ta' Malta u l-Vatikan. Fl-1 ta' Jannar 2019 il-Gran Mastru tal-Ordni Ekwestri tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm, il-Kardinal Edwin O'Brien, ħatar lil Roberto Buontempo bħala Logutenent għal Malta, għal terminu ta' erba' snin.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk hemmx xi ħaġa li jixtieq jaqsam mal-Kumitat li tista' tkun ta' imbarazzament għalih, għall-Kumitat jew għall-pajjiż u jekk għandux xi kunflitt ta' interess li jixtieq jaqsam mal-Kumitat. Is-Sur Buontempo wieġeb li m'hemmx.

L-Onor Adrian Delia staqsa lis-Sur Buontempo jekk jarax li hemm kunflitt ta' interess meta jkun qed jiddefendi lill-Knisja quddiem dipartiment tal-Gvern. Is-Sur Buontempo qal li hu jkun qed jirrappreżenta lis-Santa Sede u mhux lill-Knisja Maltija u allura ma jarax li hemm kunflitt ta' interess. Huwa spjega li x-xogħol tiegħu f'dan l-irwol huwa li jara kif qed jintużaw il-proprjetajiet tal-Knisja, jekk hux għal skop ta' residenza jew kummerċ.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Roberto Buontempo u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-4.54 p.m. is-Sur Roberto Buontempo rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Roberto Buontempo għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ungerija. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-4.55 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Roberto Buontempo jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Roberto Buontempo daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ungerija kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-4.56 p.m. is-Sur Roberto Buontempo irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR MARIA CARDONA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL-LATVJA

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina ta' Dr Maria Cardona għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal-Latvja.

Il-Kumitat stieden lil Dr Maria Cardona sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Cardona kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Maria Cardona daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lil Dr Maria Cardona li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Dr Cardona tat rendikont tal-karriera tagħha bħala avukat li tipprattika u qalet li ma kellhiex esperjenza diplomatika. Qalet li fil-Latvja, li huwa wieħed mill-pajjiżi tal-UE, hemm kumpanija kbira Maltija li tmexxi operazzjoni ta' freeport u anke topera f'setturi oħrajn. Hija semmiet diversi niċeċ li jistgħu jiġu esplorati għal relazzjonijiet akbar bejn iż-żewġ pajjiżi, fosthom it-turiżmu u l-farmaċewtika. Qalet ukoll li l-aħħar żjara li għamel il-President ta' Malta fil-Latvja f'Marzu 2023 għenet biex tikber ir-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk tridx taqsam mal-Kumitat xi okkażjoni jew xi ħaġa li ġrat qabel u li fil-futur tista' timbarazza lilha, lill-Ministru kkonċernat jew lill-Kumitat, u jekk hemmx xi kunflitt ta' interess. Dr Cardona wieġbet fin-negattiv u qalet li l-fatt li għall-aħħar sitt snin kienet tippresiedi l-Immmigration Appeals Board (Division 2), ma tarax li jippreżenta xi kunflitt ta' interess għaliex dan il-bord normalment jirċievi appelli mingħand ċittadini ta' pajjiżi terzi u mhux tal-Ewropa. Madanakollu sabiex kollox ikun trasparenti u ma jkun hemm l-ebda kunflitt, hija kienet se tara li jekk tiġi quddiem il-bord persuna mil-Latvja, il-każ jiġi assenjat lil division oħra.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Maria Cardona u talabha tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fil-4.59 p.m. Dr Maria Cardona rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Maria Cardona għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal-Latvja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.00 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Maria Cardona tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Maria Cardona daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal-Latvja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.01 p.m. Dr Maria Cardona rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR JOSEPH LICARI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-INDONEŻJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina ta' Dr Joseph Licari għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja.

Il-Kumitat stieden lil Dr Joseph Licari sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Licari kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Joseph Licari daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Dott Licari ta rendikont tal-karriera tiegħu. Huwa kien Ambaxxatur fi Brussell, Pariġi u Strasburgu; Ambaxxatur bilaterali għall-Belġju, l-Olanda, Lussemburgu u Franza; Ambaxxatur multilaterali għall-Unjoni Ewropea - dak iż-żmien Komunità Ewropea – delegat permanenti għall-UNESCO; rappreżentant tal-Gvern Malti fuq il-bank tal-Kunsill tal-Ewropa, liema bank jieħu d-deċiżjonijiet kollha konnessi ma' finanzi fil-Kunsill tal-Ewropa, u għal sitt snin kien Chairperson tal-istess kumitat. Ħadem bħala ekonomista u lettur fl-ekonomija internazzjonali, speċifikament l-ekonomiji li għadhom qed jiżviluppaw. Ħadem ukoll fi ħdan għaqdiet internazzjonali, fosthom il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurofinance, l-UNCTAD f'Ġinevra, kif ukoll man-Nazzjonijiet Magħquda.

Dr Licari ta ukoll sommarju dwar l-Indoneżja u l-importanza li żżomm kuntatt u relazzjonijiet b'saħħithom mal-bqija tad-dinja, fosthom maċ-Ċina, mal-Amerika u mal-EU, inkluż Malta, fejn ir-relazzjonijiet għadhom bikrin u hemm ħafna xogħol xi jsir. Huwa spjega li l-Indoneżja huwa l-ikbar pajjiż ta' twemmin musulman u dejjem baqa' kolonja newtrali, xi ħaġa li hija komuni għal Malta. Spjega wkoll li relazzjonijiet ma' Malta għandhom iservu bħala pass fid-direzzjoni sabiex jiżdiedu r-relazzjonijiet mal-UE. Huwa qal li fl-2008 kien sar double taxation agreement bejn l-Indoneżja u l-UE iżda dan qatt ma ġie żviluppat. Dr Licari qal li bejn Malta u l-Indoneżja għandu jkun hemm lok ta' esportazzjoni u importazzjoni, kif ukoll visa agreements li sal-lum għadhom ineżistenti.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Adrian Delia staqsa dwar id-double taxation agreement u qal li tajjeb li suġġett bħal dan ma jintesiex għaliex dan jista' jgħin speċjalment fis-settur ekonomiku. Dr Licari wieġeb li dan il-ftehim qiegħed fuq l-aġenda u jidher li hemm qbil dwaru bejn iż-żewġ partijiet u allura tajjeb li jiġi attwat.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Joseph Licari u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.17 p.m. Dr Joseph Licari rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Joseph Licari għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.18 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Joseph Licari jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Joseph Licari daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Indoneżja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.19 p.m. Dr Joseph Licari irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR ALEXANDER SCERRI HERRERA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL-LITWANJA**

__**Punt imqajjem mill-Onor. Andy Ellul**__

L-Onor. Andy Ellul xtaq jirrileva li l-persuna nominata li kien imiss tidher quddiem il-Kumitat skont l-aġenda għal dik il-laqgħa, Dr Alexander Scerri Herrera, għal żmien qasir kien impjegat fil-kumpanija li kien imexxi hu. Għaldaqstant, għalkemm ma kien qed jara li għandu jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess, talab li jekk il-Kumitat iħoss mod ieħor, hu kien lest li jirrikuża ruħu mis-smigħ ta' din in-nomina. Il-Kumitat qabel li ma kienx hemm lok għal xi kunflitt ta' interess u li l-Onor. Andy Ellul seta' jibqa' parti minn dak is-smigħ.

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 4 ta' April 2023, dwar in-nomina ta' Dr Alexander Scerri Herrera għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal-Litwanja.

Il-Kumitat stieden lil Dr Alexander Scerri Herrera sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Scerri Herrera kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Alexander Scerri Herrera daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Alexander Scerri Herrera ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala avukat fil-qasam tal-liġi internazzjonali. Hu semma li studja fl-Università ta' Malta kif ukoll l-Olanda fejn għamel Masters fil-liġi internazzjonali pubblika. Dr Scerri Herrera spjega li fix-xogħol tiegħu jaħdem fl-ambitu tal-liġi internazzjonali, kif ukoll fil-liġi kummerċjali, kriminali, familja, eċċ. Hu qal li fix-xogħol tiegħu juża ħafna l-liġi Ewropea u li jara xejriet komuni bejn il-liġi Maltija u dik tal-Litwanja peress li t-tnejn huma pajjiżi żgħar.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk għandux xi kunflitt ta' interess, jew jekk hemmx xi ħaġa li jixtieq jaqsam mal-kumitat li tista' tkun imbarazzanti għalih jew għal min qed jaħtru. Dr Scerri Herrera irrisponda fin-negattiv u qal li jekk ikun il-każ, jara li javża lill-awtoritajiet b'dan mill-aktar fis.

L-Onor. Adrian Delia qal li għalkemm Dr Scerri Herrera huwa żgħir fl-età, żgur li għandu ħafna x'jagħti u jista' joffri ideat ta' skambji ġodda u relazzjonijiet b'saħħithom. Dr Scerri Herrera wieġeb li Malta u l-Litwanja huma pajjiżi relattivament żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea u għalhekk għandhom ħafna x'joffru u għandhom jiġbdu ħabel wieħed anke fil-liġijiet Ewropej fejn jidħlu tassazzjoni, sigurtà u saħħa. Huwa jara wkoll lok li jkun hemm skambji ta' ideat ma' żgħażagħ u tista' tiżdied il-koperazzjoni minn lenti ġdida.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Alexander Scerri Herrera u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.28 p.m. Dr Alexander Scerri Herrera rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Alexander Scerri Herrera għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal-Litwanja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.29 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Alexander Scerri Herrera jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Alexander Scerri Herrera daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għal-Litwanja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Fil-5.30 p.m. Dr Alexander Scerri Herrera rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.31 p.m.il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**